

EMA/359531/2014  
EMEA/H/C/000664

## **Sommarju tal-EPAR għall-pubbliku**

# Diacomit

## stiripentol

Dan id-dokument huwa sommarju tar-rapport pubbliku Ewropew ta' valutazzjoni (EPAR) għal Diacomit. Dan jispjega kif il-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali għall-Użu mill-Bniedem (CHMP) ivvaluta l-mediċina sabiex wasal għall-opinjoni favorevoli tiegħu li tingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu dwar il-kondizzjonijiet ta' użu għal Diacomit.

### **X'inhu Diacomit?**

Diacomit huwa mediċina antiepilettika li fiha s-sustanza attiva stiripentol. Jiġi bħala kapsuli u qratas (250 mg u 500 mg). Il-qratas fihom trab li jintuża għal sospensjoni orali (likwidu li jkun fih frak solidu).

### **Għal xiex jintuża Diacomit?**

Diacomit jintuża fit-tfal b'tip ta' epilessija rari ħafna msejħha 'epilessija mijoklonika gravi fit-tfulija' (SMEI), magħrufa wkoll bħala sindromu ta' Dravet. Dan it-tip ta' epilessija jolqot tfal żgħar matul l-ewwel sena ta' hajnej. Diacomit jintuża flimkien ma' clobazam u valproate (mediċini antiepilettiċi oħra) bħala terapija mizjudha għall-kura ta' aċċessjonijiet toniċi-kloniċi ġeneralizzati (attakki severi, inklużi t-telf ta' kuxjenza) li l-aċċessjonijiet tagħhom mhumiex ikkontrollati biżżejjed bi clobazam u valproate.

Billi l-għadd ta' pazjenti b'SMEI huwa wieħed baxx, il-marda hija kkunsidrata 'rari', u fil-5 ta' Diċembru 2001 Diacomit kien ikkwalifikat bħala 'mediċina orfni' (mediċina għal mard rari).

Il-mediċina tista' tinkiseb biss b'riċetta tat-tabib.

### **Kif jintuża Diacomit?**

Il-kura b'Diacomit għandha tingħata biss taħt is-superviżjoni ta' tabib li jispeċjalizza fid-dijanjożi u l-kura ta' epilessija fit-tfal (pedjatra jew newrologu pedjatriku). Id-doża rakkomandata hija 50 mg għal kull kilo ta' piż korporali, maqsuma f'żewġ jew tliet dożi matul il-ġurnata. Il-kura tibda b'doża ta' 20 mg



għal kull kilo ta' piż korporali li tiżdied bil-mod il-mod għad-doża rakkomandata matul numru ta' ġimgħat skont l-età tal-pazjent. Wara li jinbeda Diacomit, jista' jkun hemm il-ħtieġa li d-doża ta' clobazam titnaqqas. Normalment m'hemmx bżonn li d-doża ta' valproate tinbidel.

L-istudji ewlenin ta' Diacomit twettqu fi tfal ta' età 'I fuq minn tliet snin. Għandhom jittieħdu deċiżjonijiet dwar l-użu ta' Diacomit fi tfal iżgħar skont il-pazjent: jista' jingħata biss lil tfal iżgħar jekk id-dijanjożi ta' SMEI tkun ikkonfermata.

Diacomit għandu jingħata mal-ikel iżda mhux ma' prodotti tal-ħalib, xorb bl-ilma karbonat, meraq tal-frott, jew ikel jew xorb li fihom il-kaffeina jew it-teofillina (sustanza li tinsab fit-te iswed u aħdar, fost prodotti oħra).

## Kif jaħdem Diacomit?

Mhuwiex magħruf sew il-mod eżatt kif stiripentol, is-sustanza attiva f'Diacomit, taġixxi bħala mediċina antiepilettika. F'mudelli sperimentalji ntwera kif jiżdiedu l-livelli ta' 'newrotrażmett' imsejja ġi aċċidu gamma-aminobutirriku (GABA) fil-moħħ. GABA huwa s-sustanza ewlenija fiċ-ċelloli tan-nervituri responsabbli mit-tnaqqis tal-attività elettrika tal-moħħ. Huwa magħruf ukoll biex jamplifika l-effetti ta' mediċini antiepilettiċi oħra u biex inaqqas ir-rata li biha dawn jitkissru mill-fwied.

## Kif ġie studjat Diacomit?

Iż-żewġ studji ewlenin ta' Diacomit kienu jinvolvu 65 tifel u tifla tal-età bejn tliet snin u 18-il sena. L-istudji qabblu l-effiċċa tal-pilloli jew il-qratas ta' Diacomit ma' plaċebo (trattament finta), meta dawn ġew miżjudha ma' kura bi clobazam u valproate li kien digħi nbeda fit-tfal. Il-kejl ewljeni tal-effiċċa kien in-numru ta' pazjenti li 'rrispondew' għall-kura. Pazjent kien ikklassifikat bħala 'risponder' jekk l-għadd ta' aċċessjonijiet fit-tieni xahar tal-kura kien mill-inqas 50% aktar baxx mill-ġħadd fix-xahar ta' qabel ma kienet inbdiet il-kura.

## X'benefiċċju wera Diacomit matul l-istudji?

Iktar pazjenti rreaġixxew għall-kura b'Diacomit milli bil-plaċebo. Fl-ewwel studju, 71% tal-pazjenti li kien qiegħdin jieħdu Diacomit irraġixxew għall-kura (15 minn 21), meta mqabbel ma' 5% tal-grupp tal-plaċebo (1 minn 20). Ġew osservati riżultati simili fit-tieni studju, b'67% li rreaġixxew għal Diacomit (8 minn 12) u 9% għall-plaċebo (1 minn 9).

## X'inhu r-riskju assoċjat ma' Diacomit?

L-effetti sekondarji l-iktar komuni b'Diacomit (li dehru f'iktar minn pazjent 1 minn kull 10) huma telf tal-apptit, tnaqqis fil-piż, insonnja (nuqqas ta' rqad), sturdament, atassija (inkapaċċità li tikkoordina l-movimenti tal-muskoli), ipotonija (nuqqas ta' saħħa fil-muskoli) u distonija (disturbi fil-muskoli). Għal-lista sħiħa tal-effetti sekondarji kollha rrappurtati b'Diacomit, ara l-fuljett ta' tagħrif.

Diacomit ma għandux jintuża f'pazjenti li kellhom psikożi (stat mentali serju b'disturb fis-sens tar-realità) b'attakki ta' delirju (stat mentali ta' konfużjoni, eċċitament, nuqqas ta' sabar u alluċċinazzjonijiet). Għandha tingħata attenzjoni meta Diacomit jintuża fl-istess ħin ma mediċini oħra. Għal-lista sħiħa ta' restrizzjonijiet ara l-fuljett ta' tagħrif.

## **Għaliex ġie approvat Diacomit?**

Is-CHMP ikkonkluda li Diacomit wera l-effikaċja tiegħu fl-SMEI, għalkemm l-istudji kien limitati u ma damux daqs kemm kien mistenni mill-Kumitat. Il-Kumitat iddeċċieda li l-benefiċċji ta' Diacomit huma akbar mir-riskji tiegħu u rrakkomanda li jingħata awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq.

Diacomit orīginarjament kien ingħata 'approvazzjoni b'kondizzjoni minħabba li kien fadal iktar evidenza x'toħroġ rigward il-mediċina, partikolarmen fir-rigward tal-effikaċja u s-sigurtà tiegħu fuq termini qosra u fit-tul. Peress li l-kumpanija forniet l-informazzjoni addizzjonali meħtieġa, l-awtorizzazzjoni ma baqqħetx ikkondizzjonta u saret sħiħa.

**Tagħrif ieħor dwar Diacomit** Il-Kummissjoni Ewropea tat-awtorizzazzjoni kkondizzjonata għat-tqegħid fis-suq valida fl-Unjoni Ewropea kollha għal Diacomit fl-4 ta' Jannar 2007. Din l-awtorizzazzjoni għat-tqegħid fis-suq saret sħiħa fit-8 ta' Jannar 2014.

L-EPAR sħiħ għal Diacomit jinstab fis-sit elettroniku tal-Aġenzija: [ema.europa.eu/Find\\_medicine/Human\\_medicines/European\\_Public\\_Assessment\\_Reports](http://ema.europa.eu/Find_medicine/Human_medicines/European_Public_Assessment_Reports). Għal aktar informazzjoni rigward il-kura b'Diacomit, aqra l-fuljett ta' tagħrif (parti wkoll mill-EPAR) jew ikkuntattja lit-tabib jew lill-ispiżjar tiegħek.

Is-sommarju tal-opinjoni tal-Kumitat għall-Prodotti Mediċinali Orfni għal Diacomit jinstab fis-sit elettroniku tal-Aġenzija: [ema.europa.eu/Find\\_medicine/Human\\_medicines/Rare\\_disease\\_designations](http://ema.europa.eu/Find_medicine/Human_medicines/Rare_disease_designations).

Dan is-sommarju ġie aġġornat l-aħħar f'06-2014.